TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 156/11

**Dominic Tabone**

**vs**

**Windsor Interiors**

Illum 31 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-6 t'April, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitt ewro (€100), rappreżentanti l-bieba tal-*cupboard* tal-*fridge/freezer* li tbewqet jew elf u ħames mija (€1,500), rappreżentanti l-bibien kollha tal-*cupboard* tal-kċina.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara kċina kompluta mingħand id-ditta intimata, pero' wara ċertu żmien il-bieba tal-*fridge/freezer* bdiet titbewwaq, tant li kellu problema kbira biex juża l-*fridge/freezer*.

Is-soċjeta' intimata issottomettiet bil-miktub illi mhux it-tort tagħha għax dawn huma importati u għalhekk ma tista' tagħmel xejn.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' intimata, debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjħa tliet darbiet, baqgħet ma dehritx għas-seduta.

It-Tribunal, jinnota illi r-rikorrenti ġab stima ta' bibien tal-*fridge/freezer* fl-ammont ta' mitejn u sebgħin ewro (€270).

It-Tribunal jinnota wkoll illi d-difiża tas-soċjeta' intimata mhix aċċettabli stante li qed tallega li m'għadhiex iktar fil-produzzjoni.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070 FAX. (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitejn u sebgħin ewro (€270), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**